MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2014

Appell Civili Numru. 87/2013/1

**Federation of Estate Agents**

**v.**

**Direttur Generali (Kompetizzjoni),**
**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell tal-intimati Direttur Generali (Kompetizzjoni), Onorevoli Prim Ministru u tal-Avukat Generali minn provvediment moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu laqghet it-talba tar-rikorrenti Federation of Estate Agents ghal mizuri *interim* ghas-sospensjoni immedjata tal-proceduri legali pendenti quddiem l-Uficcju ghall-Kompetizzjoni sakemm tigi deciza l-kawza kostituzzjonali fil-mertu bi spejjez riservati ghas-sentenza finali.

**<u>Rikors promotorju tar-rikorrenti Federation of Estate Agents</u>**

**2.** Bir-rikors taghha tal-11 ta' Novembru 2013 il-Federation of Estate Agents talbet lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors joghgobha taghtiha kull rimedju xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha, fosthom:

(i) Taghti provvediment *ad interim* b'mod urgenti sabiex jigu immedjatament sospizi sakemm tigi deciza din il-kawza Kostituzzjonali, il-proceduri legali li gew istitwiti kontra l-assocjazzjoni rikorrenti da parti tad-Direttur Generali (Kompetizzjopni) u/jew l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni taht l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) tal-Ligijiet ta' Malta) in konnessjoni ma' allegat ksur tal-artikolu 8(1) tal-istess Att u l-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE");

(ii) Tiddikjara illi l-Artikolu 12A, 13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, in kwantu li jawtorizzaw jew jobbligaw lid-Direttur Generali u lit-Tribunal tal-Appell li jisimghu u jiddeciedu kaz ta' allegat ksur tal-istess Att u/jew id-disposizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni kontenuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jaghtu ordnijiet u jimponu multa f'kaz li jsibu ksur, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

(iii) Tiddikjara illi l-Artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kokmpetizzjoni, in kwantu li jawtorizzaw jew jobbligaw lid-Direttur Generali u lit-Tribunal tal-Appell li jisimghu u jiddeciedu kaz ta' allegat ksur tal-istess Att u/jew id-

disposizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni kontenuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jaghtu ordnijiet u jimponu multa f'kaz li jsibu ksur, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

(iv) Konsegwentement tiddikjara l-istess disposizzjonijiet kontenuti fl-Artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kokmpetizzjoni nulli u bla effett ghall-finijet kollha tal-ligi, u dana skont l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

(v) Tiddikjara illi l-proceduri legali istitwiti kontra l-assocjazzjoni rikorrenti da parti tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) taht l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta) in konnessjoni ma' allegat ksur tal-Artikolu 5(1) tal-istess Att u l-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (li huwa applikabbli skont l-Artikolu 5(5) tal-isterss Att dwar il-Kompetizzjoni) u dan kif jirrizulta mill-istqarija ta' oggezzjonijiet datata l-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (annessa bhala Dok. A) mahruga mill-istess Direttur fil-konfront tas-assocjazzjoni rikorrenti ai termini tal-Artikolu 12A tal-istess Att u t-tkomplija tal-istess proceduri qed jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

(vi) Tiddikjara l-proceduri mibdija mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u/jew l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni kontra ir-rikorrenti bhala nulli u/jew li m'ghandhomx effett ghall-finijiet u effetti kollha fil-ligi u ghalhekk twaqqaf lid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u/jew l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni milli jkomplu bil-proceduri fil-konfront tal-assocjazzjoni rikorrenti u/jew jaghtu decizjoni dwar il-kaz;

(vii) Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu d-danni morali ghall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tar-rikorrenti.

**3.** Il-fatti u r-ragunijiet migjuba fir-rikors in sostenn tat-talbiet taghhom huma kif gej:

1. Illli l-assocjazzjoni rikorrenti hija assocjazzjoni ta' diversi persuni li ghandhom negozju ta' estate agents f'Malta u bhala tali hija wkoll persuna li tgawdi l-protezzjoni tad-drittijeit fondamentali taht il-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u l-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali skont il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ("il-Konvenzjoni").

2. Illi gew istitwiti proceduri legali kontra l-assocjazzjoni rikorrenti da parti tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) taht l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta) in konnessjoni ma allegat ksur tal-Artikolu 5(1) tal-istess Att u l-Artikolu 101(1) tat-

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") (li huwa applikabbli skont l-Artikolu 5(5) tal-istess Att dwar il-Kompetizzjoni) u dan kif jirrizulta mill-istqarrijja ta' oggezzjonijiet datata l-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (annessa bhala Dok., A) mahruga mill-istess Direttur fil-konfront tas-assoccjazzjoni rikorrenti ai termini tal-Artikolu 12A tal-istess Att;

3. Illi l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni kif ukoll id-Direttur Generali (Kompetizzjoni), li jmexxi l-Ufficcju huma awtoritajiet amministrattivi kkreati mill-Att dwar l-Awtorita` ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarjijiet tal-Konsumatur (Kap. 510 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghandhom ir-responsabilita` u l-fakolta' inter alia loi jinvestigaw, jiddeterminaw u jrazznu kondotta li hija pprojbita taht l-Artikoli 5 u 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") (ara Artikolu 14 tal-Kap. 510) u huma moghtija poteri investigattivi estensivi ghal dan il-ghan (ara Artikolu 12 tal-Kap. 379);

4. Illi, apparti r-responsabbilitajiet, fakoltajiet u poteri amministrattivi u investigattivi, il-ligi taghti lid-Direttur Generali (Kompetizzjoni), wara li jikkonkludi l-investigazzjoni, id-dover u l-fakolta' li jiddeciedi hu stess jekk kienx hemm ksur tal-Aartikoli 5 u, jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u/jew l-Artikoli 101 u/jew 102 tat-TFUE (ara Artikolu 12A(6) tal-Kap. 379). F'KAZ LI JIDDECIEDI LI KIEN HEMM KSUR, ID-Direttur Generali ghandu johrog ordni jew ordnijiet kif kontemplat taht l-Artikolu 13 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u ghandu wkoll il-fakolta' li jimponi multa li tissejjah "multa amministrattiva" fuq kull intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi li tinstab hatja ta' ksur kf fuq imsemmi, liema multa tista' tlahhaq sa "ghaxra fil-mija tad-dhul totali tal-intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi koncernati fis-sena ta' negpzju ta' qabel" (ara Artikolu 21 tal-Kap. 379);

5. Illi skont l-Artikolu 13A tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, hemm dritt ta' appell "quddiem it-Tribunal tal-Appell". It-Tribunal tal-Appell imsemmi f'dan l-artikolu huwa t-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur li gie kkreat permezz tal-Artikolu 31 tal-Att dwar l-Awtorita` ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510) u huwa kompost minn Imhallef, li jippresedji t-Tribunal u zewg membri ohra minn elenku ta' membri ordinarji maghzula mill-President. Rigward id-decizjoni tat-Tribunal tal-Appell hemm imbaghad dritt ta' appell fuq punt ta' ligi quddiem il-Qorti tal-Appell;

6. Illi l-Artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, in kwantu li jawtorizzaw u jiddeciedu kaz ta' allegat ksur tal-istess Att u jaghtu ordnijiet u jimponu multa f'kaz li jsibu ksur huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u dan kif ser jigi spjegat;

7. Illi tenut kont illi l-Att dwar il-Kompetizzjoni hija (a) ligi ta' dritt pubbliku intiza li tikkontrolla ghemil anti-kompettittiv fl-interess pubbliku; (b) timponi multi severi; (c) liema multi huma ta' natura penali u ntizi li jkollhom "[a] deterrent effect" (kif anke jirrizulta minn paragrafu 68 tal-istqarrija ta' oggezzjonijiet-Dok. A), kazijiet ta' allegat ksur tal-Artikolu 5(1) tal-istess Att u l-Artikolu 101(1) TFUE, inter alia, huma "reati kriminali" skont l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u "criminal charges/offences" skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ghaldaqstant l-istqarrija ta' oggezzjonijiet mahruga fil-konfront tal-assocjazzjoni rikorrenti (Dok. A) hija akkuza ta' "reat kriminali" a tenur 39(1) tal-Kostituzzjoni u "criminal charge" skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

**4.** Wara li r-rikorrenti ppremettiet il-fatti u s-sottomissjonijet fuq riprodotti l-istess rikorrenti kompliet billi ghamlet is-sottomissjonijiet legali ulterjuri taghha

sabiex turi li la t-Tribunal tal-Appell imsemmi u lanqas id-Direttur Generali msemmi ma huma Qrati skont il-Kostituzzjoni u li ghalhekk il-proceduri li minnhom tilmenta r-rikorrenti huma bi ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, u li inoltre l-istess Tribunal u Direttur Generali ma jistghux jitqiesu bhala “tribunal” u lanqas huma “indipendenti u imparzjali” u li l-funzjonijiet taghhom huma aktar simili ghal dawk tal-Pulizija Esekuttiva u tal-prosekuzzjoni u li ghalhekk huma intrinsikament inkompatibbli mal-funzjonijiet aggudikattivi ta’ ‘tribunal indipendenti u imparzjali’ u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**5.** In kwantu ghall-fatti ulterjuri l-Federazzjoni rikorrenti ssokktat tirrileva li permezz ta’ ittri mibghuta minnha lid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) u lill-Avukat Generali dawn gew interpellati jirrimedjaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha billi tigi rtirata l-istqarrija tal-oggezzjonijiet u jieqfu l-proceduri fil-konfront taghha izda d-Direttur Generali kompliet ghaddejja bil-proceduri msemmija.

**<u>Risposta tal-intimati ghar-rikors tal-Federazzjoni rikorrenti tad-19 ta’ Novembru 2013 li bih talbet li l-ewwel talba taghha ghal provvediment *ad interim* tigi trattata u deciza bl-urgenza</u>**

**6.** B’risposta tat-28 ta’ Novembru 2013 l-intimati oggezjonaw ghall-ghoti ta’ rimedju provizorju konsistenti filli jigu sospizi l-proceduri quddiem id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) sostanzjalment ghar-ragunijiet li gejjin:

- l-azzjoni tar-rikorrenti hi wahda ghal kollox prematura peress li ghad ma kien hemm ebda decizjoni finali mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) li ssib lill-Federazzjoni rikorrenti responsabbli ghal xi ghemil li jfixkel il-kompetizzjoni u anqas ittiehdet ebda decizjoni finali li kkundannat lill-istess Federazzjoni ghal xi hlas ta' multi amministrattivi;

- jista' jkun il-kaz li d-Direttur Generali (Kompetizzjoni) ma jsibx tfixdkil fil-kompetizzjoni jew jekk isib li kien hemm ksur ma jimponix multi amministrattivi;

- biex isib applikazzjoni l-jedd ta' siegh xieraq jehtieg li l-ewwelnett ikun hemm decizjoni finali u li torbot;

- jekk id-Direttur Generali msemmi fi tmiem l-investigazzjoni tieghu jsib xi ksur u jimponi multi amministrattivi dik id-decizjoni tieghu hija sindakabbli u tista' titwarrab mit-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur u sahansitra mill-Qorti tal-Appell;

- ghalkemm appell lit-Tribunal tal-Appell imsemmi ma jissospendix il-multa amministrattiva li tista' tkun giet imposta l-appellant ghandu l-jedd jitlob lil-istess Tribunal iwaqqaf il-hlas tal-multa sakemm tinqata' l-vertenza u dan jikkostitwixxi rimedju provizorju skont il-ligi fl-eventwalita` li tigi imposta multa amministrattiva u ghalhekk ma hemm ebda htiega ta' xi intervent provizorju mill-ewwel Qorti;

- skont il-gurisprudenza mizuri provizorji *ad interim* jinghataw biss fl-eventwalita` ta' riskju reali u imminenti ta' hsara irreparabbliu generalment jinghata f'kaz ta' riskju ghall-hajja jew maltrattament waqt li materji ta' detenzjoni jew interferenza mad-drittijiet ta' proprjeta` ma humiex fost il-kazijiet fejn jinghata rimedju provizorju;

- kwalunkwe multa amministrattiva li tista' eventwalment tigi imposta tista' dejjem tigi mwarrba mill-qrati kostituzzjonali;

- mhux il-kaz li l-Federazzjoni rikorrent tbati xi pregudizzju irrimedjabbli jekk il-proceduri kontra tagha quddiem id-Direttur Generali msemmi jitkomplew ladarba dawn jistghu dejjem jigu mhassra mill-ewwel Qorti jew minn din il-Qorti jekk l-istess Federazzjoni tinghata ragun fil-mertu tat-talbiet taghha;

- fuq l-iskorta ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea Ghad-Dritijiet tal-Bniedem u tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja il-mertu tal-ilment kostituzzjonali lanqas *prima facie* ma huwa gustifikat u li ghalhekk is-sospensjoni tal-proceduri quddiem id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) twassal ghal dewmien u dilungar bla bzonn.

**<u>Risposta ulterjuri tal-intimati</u>**

**7.** B'risposta ulterjuri tat-3 ta' Dicembru 2013 l-intimati preliminarjament sostnew li l-Onorevoli Prim Ministru kien gie mharrek ghalxejn billi l-gudizzju huwa bizzejjed integru bil-prezenza tal-intimati l-ohra u inoltre l-Onorevoli Prim Ministru m'huwiex involut fil-proceduri ta' infurzar tal-ligi tal-kompetizzjoni li hemm ghaddejjin fil-konfront tal-Federazzjoni rikorrenti u ghalhekk l-Onorevoli Prim Ministru ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-Gudizzju.

**8.** Sostnew ukoll li l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva ghaliex ghad ma kienx hemm decizjoni finali mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) li permezz taghha r-rikorrenti nstabet responsabbli ghal xi ghemil kontra l-kompetizzjoni gusta u inoltre d-decizjoni tieghu hi sindakabbli f'zewg forom ta' appell skont il-ligi ordinarja.

**9.** L-intimati ghamlu wkoll is-sottomissjonijiet taghhom fil-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti biex juru li l-istess talbiet ma humiex sostenibbli legalment u li ghar-ragunijiet minnhom moghtija r-rikors tal-Federazzjoni rikorrenti ghandu jigi michud bl-ispejjez.

**<u>Il-provvediment appellat tas-6 ta' Marzu 2014</u>**

**10.** Fid-digriet taghha appellat tas-6 ta' Marzu 2014, wara li rriproduciet ir-rikors promotorju tal-gudizzju, ir-risposta tal-intimati tat-3 ta' Dicembru 2013, ir-rikors tal-Federazzjoni rikorrenti tad-19 ta' Novembru 2013 li bih talbet

smigh bl-urgenza sabiex tigi deciza t-talba taghha ghal provvediment *ad interim* konsistenti fis-sospensjoni immedjata tal-proceduri legali quddiem l-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni, u r-risposta tal-intimati tat-28 ta' Novembru 2013 ghal dan l-ahhar rikors, li l-partijiet taghhom in kwantu relevanti ghal dan l-appell gia` gew riferuti aktar kmieni f'din is-sentenza, l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghmel il-konsiderazzjonijiet segwenti li wassluha biex tilqa' t-talba tal-Federazzjoni rikorrenti appellata ghall-provvediment *ad interim* imsemmi:

> "In sintezi l-Assocjazzjoni rikorrenti fir-rikors promotur qeda timpunja l-proceduri legali mehuda kontra l-Assocjazzjoni mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) minhabba allegat ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 379 u l-Artikolu 101 (1) tat-trattatt dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif jirrizulta minn l-anness Dok. A (Statement of objections – a fol 8 sa 35). Il-proceduri legali, fuq indikati qed jigu impunjati minhabba allegat ksur ta' dritt fundamentali taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.
>
> "Fil-qosor l-lanjanza ta' natura Kostituzzjonali da parti tar-rikorrenti tippernja fuq Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li tezigi li meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali liema akkuza ma tigiex irtirata, ghadu jinghata smiegh xieraq, gheluq zmien ragionevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa mill-ligi. Ghal kuntrarju Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni li jirrigwardja d-diterminazzjoni tad-drittijiet civili, jezigi li dawn izda jistghu jigu mismugha u determinati minn Qorti jew *"other adjudicating authority prescribed by law"* Illi l-entita' tal-multa hija konsiderevoli u tista' tlahhaq miljun, mitejn u hamsin elf Ewro (Eur1,250,000) – vide Dok. A. a fol 24 Para. 69, 70, 71, u 72. Minn dan isegwi, dejjem skond l-Assocjazzjoni rikorrenti, illi l-multa severa li tista' tigi imposta fuq l-Assocjazzjoni rikorrenti, hija ta' natura jew ghandha il-bixra ta' reat kriminali, liema reat kriminali ai tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu jinghata smiegh xieraq minn Qorti u mhux minn "Awtorita' ohra gudikanti imwaqqfa bil-ligi."
>
> "Din il-vertenza qed tigi rispinta mill-intimati kif jidher mir-risposta taghhom minn fol. 67 sa 73 ghal ragunijiet hemmhekk imfissra f'dettal konsiderevoli.
>
> "Il-materja in ezami llum huwa l-ghoti o meno ta' interim relief minn din il-Qorti billi tissospendi l-proceduri istitwiti kontra l-Assocjazzjoni rikorrenti, permezz ta' Dok. A – vide fol. 8 et seq. Statement of Objections datat l-1 t'Awwissu 2013.

"**Ikkonsidrat:**

"Illi is-setghat moghtija mill-ligi lil Qrati f'kawzi ta' natura Kostituzzjonali, m'humiex imfissrin b'mod ezawrjanti f'xi dizposizzjoni partikolari u rimedji mitluba huma imhollija fid-diskrezzjoni taghha ***"fl-ahjar interess tal-gustizzja u biex taghmel haqq fejn mehtieg."*** – vide Rikors Kostituzzjonali ***Andrew Ellul Sullivan et vs Kummissarju tal-Pulizija et***, deciz fil-**25 t'April 2003,** per **Onor. Imh. Dr. J. R. Micallef.**

"Dik il-Qorti irriteniet li, Qorti, f'Sede Kosituzzjonali, kellha s-setgha li tirregola il-procedura taghha u taghti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u dawk interlokutorji li jinhtiegu waqt is-smiegh sabiex jiggarantixxu illi:

> ***""it-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun soggetta ghal pressjonijiet indebiti jew hsara irriversibbli ghal xi wahda mill-partijiet."***

"Illi dik il-Qorti **kienet laqghat talba ghal-sospenzjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza li imponiet terminu ghal hlas b'rati kull xahar tal-multa inflitta, taht il-provvedimenti hemmhekk kontenuti.**

"Illi mizura interim li ssospendiet l-effetti ta' zgumbrament numru 170/2011, kien gie ukoll moghti mill-Onor. Imh. Dr. J. Zammit McKeon fil-25 ta' Jannar 2012, fir-Rikors Kostituzzjonali ***Antida Debattista vs Carmelo Fenech u kjamat in kawza Avukat Generali***."

**11.** L-ewwel Qorti issoktat billi ghamlet rassenja tal-insenjament tal-Qrati f'materja ta' mizuri interlokutorji *ad interim* u wara ghamlet il-konsiderazzjonijiet ulterjuri taghha kif gej:

"Din il-Qorti tibda biex tinnota u taprezza illi l-intimat Direttur Generali (Kompetizzjoni) gharaf, fl-ghaqal tieghu, li ma jissoktax bil-proceduri gia minnu inizjati kontra l-Assocjazzjoni rikorrenti, sakemm din il-Qorti tiddeciedi fuq l-ghoti o meno tal-mizura interim mitluba.

"Din il-Qorti taghraf u tifhem illi l-waqfien, da parti tad-Direttur Generali Kompetizzjoni, tal-proceduri ma sarx il-ghaliex ma jirrizultax pregudizzju fil-konfront tieghu b'tali waqfien, il-ghaliex dan il-pregudizzju gie mfisser b'mod ampju fir-risposta tal-istess Direttur Generali.

"Din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni u responsabilitajiet tad-Direttur Generali tal-Kompetizzjoni u dmirijiet imposti fuqu mill-ligi sabiex huwa jaqdi il-funzjonijiet tieghu skond il-ligi Maltija u id-dettami tal-ligi Ewropea. Dawn huma mfissra b'mod mill-aktar elokwenti fir-risposta tal-intimat Direttur Generali (Kompetizzjoni).

"B'referenza ghall-intempestivita' u prematurita' tat-talba ghall-interim measure il-ghaliex ebda decizjoni ma ttiehdet, ebda multa ma giet inflitta, u ebda procedura quddiem it-Tribunal t'Appell jew quddiem il-Qorti ma giet intavolata, din il-Qorti ma tistax ma taccennax ghal fatt illi **kull mizura interim illi tintalab, hija wahda illi tista' tigi deskritta bhala wahda inerentement intempestiva u prematura**.

"Il-Qorti taghraf ukoll illi varji rimedji ordinarji deskritti fir-risposta tad-Direttur Generali (Kompetizzjoni) huma materji illi ghandhom jigu trattatti waqt is-smiegh u t-trattazzjoni fuq il-meritu tal-kaz in ezami. Ir-raguni pero ghal ghoti o meno ta' interim measure trid tkun bbazata fuq apprezzament tal-pregudizzju gravi, konsegwenzjali u zbilancjat li ser ikun inflitt fuq wahda mill-partijiet, bil-holqien ta' pressjonijiet indebiti jew hsara irriversibbli fuq l-istess, u dana fid-dawl tad-doveri imposti fuq il-Qorti skond l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta'Malta u Artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali."

– omissis –

"Din il-Qorti skond l-insenjament tas-sentenzi fuq citati taghraf illi, s-severita' tal-multa hija minnha nnfisha hija *cirkostanza insolita*, meta wiehed iqies il-multi varji fir-regim legali ta' Malta. Din il-multa li potenzjalment tista' tigi inflitta mill-Ufficcju tal-Kompetizzjoni hija t'entita' konsiderevoli u tlahhaq sa miljun mitejn u hamsin elf Ewro (€1,250,000) kif jidher minn para. 72 ta' Dok. A – fejn jinghad: illi *"the percentage ammount that will be taken in account when setting the fine for such infringment will generally be set at higher end of the range provided in Article 21."* Illi ta' min ifakkar li dhul tal-Assocjazzjoni huwa ta' hamest elf Ewro (€5,000) u skond l-Istatement of Objections, il-multa x'aktarx tigi ezegwita' kontra l-membri varji tal-istess Assocjazzjoni.

"Illi di piu, skond is-sentenzi fuq citati moghtija mill-Qrati taghna f'Sede Kostituzzjonali Prim Istanza, kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali, **m'huwiex minnu** illi dawn il-Qrati akkordaw interim measures **biss** fejn kif mfisser fir-risposta tal-intimati tat-28 ta' Novembru 2013, u cioe' fejn kien hemm "*an alleged risk to life or ill treatment",* fosthom f'kazijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni ghal stati fejn ir-riskju ghal hajja umana huma kbar hafna. Il-kawzi fuq citati minn din il-Qorti, kienu jigwardaw interim measure ghal sospenzjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza li mponiet multa u ghall-esekuzzjoni ta' zgumbrament.

"Illi fil-kaz in ezami, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-entita' tal-multa li potenzjalment tista' tigi inflitta, l-fatt li skond il-ligi l-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Appell ma jissospendux b'mod awtomatiku l-multa inflitta, l-fatt li s-sospenzjoni ghal hlas ta' multa tiddependi mill-poter diskrezzjonali tat-Tribunal tal-Appell, il-fatt li d-dritt t'Appell huwa ristrett ghal punti ta' ligi, flimkien, jinducu lil din il-Qorti li taghraf illi effettivament, n-nuqqas ta' ghoti ta'mizura interim, sejra tinfliggi pressjonijiet indebiti jew hsara irriversibbli ghal l-Assocjazzjoni rikorrenti, li tista' twassal ghall-falliment tal-Assocjazzjoni rikorrenti, jekk mhux ukoll ghall-

> falliment tal-membri taghha li ghandhom negozji zghar u dawk li huma finanzjarment aktar vulnerabbli .
>
> "F'paragun ta' pregudizzju bejn il-partijiet, il-pregudizzju li ser isofri l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni bis-sospenzjoni tal-proceduri wahdanija, (dik inizjata quddiemu, kontra rikorrenti), kwasi jghib fix-xejn meta komparat mal-pregudizzju li tista' ssofri l-Assocjazzjoni rikorrenti.
>
> "Il-konsiderazzjonijiet tac-cirkostanzi fuq indikati, uhud minnhom anka insoliti, iwasslu lil din il-Qorti fl-gharfien u konkluzjoni, illi cahda ta' mizura interim preventiva f'dan l-istadju, ser tqieghed lil Qorti f'posizzjoni li ma tkunx tista' tassigura ***"bl-aktar mod ampju r-rimedju adegwat u effettiv,"*** li talvolta jista' jinghata f'kaz ta' ezitu favorevoli ghas-socjeta' rikorrenti fil-proceduri odjerni, u dana dejjem skond id-doveri taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dispozizzjonijiet korrispondenti tal-Kapitolu 319.
>
> "Illi ghaldaqstant din il-Qorti waqt li bl-ebda mod ma tidhol fil-meritu tat-talba, tqis illi dawn il-fatturi jimmilitaw favur l-akkoljiment tal-interim measure mitlub."

**<u>Fatti relevanti</u>**

**12.** Il-fatti relevanti ghall-finijiet tal-appell ta' llum gia` jirrizultaw minn dak premess u ma hemmx fatti relevanti ohra x'jigu rilevati.

**<u>Konsiderazzjonijet ta' din il-Qorti</u>**

**13.** Trattat l-appell, li permezz tieghu l-Avukat Generali qieghed jitlob it-thassir tad-digriet appellat tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu 2014 u sabiex jigi michud ir-rikors tal-Assocjazzjoni appellata datat 19 ta' Novembru 2013, il-Qorti sejra issa taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha.

**14.** F'materja ta' l-hekk imsejjha *interim measures* huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "urgenza estrema" fejn in-nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri

jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel[1]. Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri *ad interim* huma indikati f'kazijiet ecezzjonali[2]. Inoltre, tenut kont li talba ghal "rimedju temporanju" taqa' biex tigi konsidrata taht l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni isegwi li l-proviso tal-istess subartikoli japplika wkoll ghal dik it-talba[3] u li ghalhekk il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tista' tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skont l-istess subartikoli f'kull kaz fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi ligi ordinarja.

**15.** Ir-raguni principali li fuqha l-Federazzjoni appellata insistiet ghall-*interim measure* konsistenti fis-sospensjoni tal-proceduri quddiem id-Direttur Generali (Kompetizzjoni) hija li l-proceduri li taghhom qed titlob is-sospensjoni jistghu jwasslu biex il-Federazzjoni appellata issofri pregudizzju kbir partikolarment jekk tigi imposta multa fuqha li tista' tlahhaq sa cirka €1,250,000 tenut kont li f'kaz ta' appell l-appell ma jissospendix il-multa u fl-eventwalita` li l-multa ma tithallasx jiskattaw reati u multi ohra u dan skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 13A(3) u 21A tal-Kap. 379.

---

1 Ara Q. Kost**. Joseph Camilleri v. Avukat Generali,** 1/7/2013, li ccitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, pagna 113);
2 Ara Q. Kost. **Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et,** 22/8/2005 #7, #11
3 Q. Kost. **Ryan Briffa v. Avukat Ġenerali,** 3/6/2013 #29

**16.** Sabiex ikun hemm lok ghat-tehid ta' *interim measure* il-hsara mhedda jehtieg li tkun mhux biss irreparabbli izda wkoll imminenti ghaliex altrimenti ma jistax jinghad li hemm dik l-urgenza li tiskatta l-htiega tat-tehid tal-mizura eccezzjonali msemmija.

**17.** Fil-kaz ta' llum il-hsara potenzjali li minnha tilmenta l-Federazzjoni appellata tikkonsisti fl-impozizzjoni ta' multa ingenti mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) fl-eventwalita` li tinstab responsabbli ta' xi ghemil kontra l-kompetizzjoni gusta.

**18.** Jirrizulta li, izda, qabel id-Direttur Generali msemmi jkun jista' jimponi tali multa hemm il-procedura shiha kontemplata fl-Artikolu 12A tal-Kap. 379 li trid tigi segwita. Wara n-notifika tal-oggezzjonijiet id-Direttur Generali jrid jiffissa terminu li fih il-partijiet koncernati jistghu jinfurmawh bil-fehmiet taghhom bil-miktub. Jekk il-kwistjoni tkun wahda li dwarha jkun ircieva lment id-Direttur Generali jrid jaghti terminu lil min ikun ilmenta sabiex fih ikun jista' jaghti l-fehmiet tieghu. Jekk ikun hekk mitlub fis-sottomissjonijet tal-partijiet u ta' min ikun ghamel l-ilment, id-Direttur Generali jrid jaghtihom l-opportunita` sabiex jizviluppaw l-argumenti taghhom bil-fomm u jista' wkoll jistieden kull persuna ohra biex tinfurmah bil-miktub il-fehmiet taghha u jista' anki jaghtiha l-opportunita` tissottometti l-fehmiet taghha bil-fomm. Id-Direttur Generali jista' wkoll, fuq inizjattiva tieghu jew fuq talba tal-partijiet jew uhud minnhom, jistieden lil kull min ikun ghamel sottomissjonijiet bil-miktub ghal laqgha li fiha

jkunu jistghu jizviluppaw l-argumenti taghhom u jaghmlu kontro-sottomissjonijiet fil-prezenza ta' xulxin u biex jirrispondu ghad-domandi tad-Direttur. Huwa biss fuq konkluzjoni tal-investigazzjoni tieghu li d-Direttur jaghti d-decizjoni tieghu.

**19.** Ghalkemm id-decizjoni tad-Direttur Generali tikkostitwixxi titolu ezekuttiv dak it-titolu ma jistax jigi infurzat qabel ma jghaddu ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika tad-decizjoni lill-intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi koncernati[4]. Fi zmien dawk l-ghoxrin gurnata d-decizjoni tad-Direttur Generali li ssib ksur, multa amministsrattiva jew penali kwotidjana tista' tigi appellata quddiem it-Tribunal tal-Appell u ghalkemm l-appell fih innifsu ma jissospendix l-ordni, multa amministrattiva u, jew il-hlas ta' penali kwotidjana li dwarhom isir l-appell, fuq talba ragunata mill-parti fl-istess rikors tal-appell, u wara li jinstema' d-Direttur Generali, t-Tribunal tal-Appell jista' jissospendi dak l-ordni jew dik il-multa jew penali sakemm tinghatha sentenza finali[5].

**20.** Barra minn hekk, id-decizjoni tat-Tribunal tal-Appell tista' tigi ulterjorment appellata fuq punt ta' ligi quddiem il-Qorti tal-Appell u ghal dan l-appell hemm zmien ta' ghoxrin gurnata mid-decizjoni tat-Tribunal tal-Appell[6].

**21.** Mill-premess jirrizulta kjarament li l-proceduri quddiem id-Direttur Generali ghadhom fil-fazi bikrija taghhom u ghad hemm perkors pjuttost twil u

---
4 Art 12A(3) tal-Kap. 379
5 Art. 13A(1)(3) tal-Kap. 379
6 Art. 13A(5) tal-Kap. 379

dettaljat li minnu jridu jghaddu l-proceduri in kwistjoni sakemm tinghata d-decizjoni tad-Direttur Generali u sakemm dik id-decizjoni ssir wahda finali. Mhux hekk biss izda l-ligi relevanti tipprovdi wkoll ghal rimedji ordinarji li minnhom il-Federazzjoni appellata ghad tista' tuzufruwixxi sabiex fl-istadju opportun takkwista s-sospensjoni ta' kull multa li eventwalment tista' tigi imposta jekk jinsab li l-Federazzjoni hi responsabbli ghal xi ksur, haga li sa issa ghadha anqas giet stabbilita u tista' qatt ma tigi stabbilita. Is-sospensjoni tal-multa tassigura li titbieghed il-hsara li minnha qieghda tibza' l-Federazzjoni appellata u li hi l-bazi tat-talba taghha ghal mizura *interim* mitluba minnha. Ma hix relevanti l-konsiderazzjoni li s-sospensjoni tal-multa ma hix wahda awtomatika sakemm il-ligi tipprovdi rimedju kif tista' tigi akkwistata dik is-sospensjoni anki jekk l-ezitu jista' ma jkunx wiehed garantit.

**22.** Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma tirrizultax il-minaccja ta' hsara irreparabbli imminenti li taghti lok ghall-htiega tat-tehid tal-mizura *interim* mitluba. Fin-nuqqas ta' tali htiega, is-sospensjoni tal-proceduri quddiem id-Direttur Generali sservi biss sabiex ittawwal inutilment dawk il-proceduri li ghadhom fi stadju ferm prekoci.

**<u>Decide</u>**

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-intimati appellanti u filwaqt li thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu 2014

tichad ir-rikors tal-Federazzjoni rikorrenti appellata tad-19 ta' Novembru 2013 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess Federazzjoni appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------